**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Clive Tanti**

Kaz Numru: 788/2015

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clive Tanti, ta' 34 sena, iben Joseph Mary u Maria Carmela nee' Vella, imwieled il-Pieta' nhar l-24 ta' Marzu, 1981, residenti gewwa 9, Greenfields, Triq l-Inkwina, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 167181M:

Tallu b'diversi atti maghmula minnek, li gew maghmula fi zminijiet differenti, pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

1. Talli matul ix-xahar ta' Gunju 2015 u x-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, ghad-detriment ta' Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi, Valhmor Borg Import Export Ltd u/jew persuna/i jew entitajiet ohra, li l-valur taghhom jeccedi il-mitejn, tnejn u tletin Euro u l-erbgha u disghin centezmi (232.94 Euro) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna, u dan bi ksur tal-artikoli 18, 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i flus li l-ammont taghhom jeccedi il-mitejn, tnejn u tletin Euro u l-erbgha u disghin centezmi (232.94 Euro) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema flus gew fdati jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu ta' Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi, Valhmor Borg Import Export Ltd u/jew persuna/i jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 18, 293, 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Gemma Falzon, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni inkwantu ghat-tieni imputazzjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni u t-talba ghal hrug ta' ordni ta' protezzjoni.

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfjacentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina

penali tieghu li ghalkemm mhux netta jirrizulta bla ebda dubju li l-imputat ghandu l-problema tad-droga, li parti mill-ammont thallas u kif ukoll ghaliex l-imputat ben konxju tal-problema li ghandu qieghed fi programm residenzjali biex jehles mill-vizzju tad-droga. Ghaldaqstant din il-Qorti mhix se timpani prigunerija ghaliex mhix idonea.

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-hrug ta' ordni ta' protezzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat